

Brussell, 13 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

9328/16

ECOFIN 488
UEM 230

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tabroga id-Deċiżjoni 2010/289/UE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fis-Slovenja

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...

ta' ...

**li tabroga d-Deċiżjoni 2010/289/UE
dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fis-Slovenja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' Diċembru 2009, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/289/UE¹ abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda, f'konformità mal-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li kien jeżisti defiċit eċċessiv fis-Slovenja. Il-Kunsill innota li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ppjanat għall-2009 kien ta' 5,9 % u għalhekk iktar mill-valur referenzjarju skont it-Trattat ta' 3 % tal-PDG. Id-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kien mistenni li jilħaq l-34,2 % tal-PDG fl-2009, għalhekk 'l isfel mill-valur referenzjarju skont it-Trattat ta' 60 % tal-PDG.
- (2) Fit-2 ta' Diċembru 2009, skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97², il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, bagħat rakkomandazzjoni lis-Slovenja bl-għan li s-sitwazzjoni tad-defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sal-2013. Dik ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ġiet ippubblikata.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/289/UE tat-2 ta' Diċembru 2009 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fis-Slovenja (ĠU L 125, 21.5.2010, p. 46).

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

- (3) Fil-21 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill ikkonkluda li s-Slovenja kienet ħadet azzjoni effettiva bi qbil mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009 skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE iżda li kienu seħħew ċerti avvenimenti ekonomiċi negattivi u mhux mistennija b'konsegwenzi ta' żvantaġġ kbir għall-finanzi pubbliċi wara l-adozzjoni ta' dik ir-Rakkomandazzjoni. Għaldaqstant, il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, qies li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 kienu ġew issodisfati, u adotta rakkomandazzjoni ġdida indirizzata lis-Slovenja skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE, bl-għan li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sal-2015. Dik ir-rakkomandazzjoni l-ġdida tal-Kunsill ġiet ippubblikata.
- (4) Fil-5 ta' Marzu 2014, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, fid-dawl tar-riskji biex tinkiseb korrezzjoni fit-tul tad-defiċit eċċessiv sal-2015, il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjoni lis-Slovenja bl-għan li tittieħed l-azzjoni meħtieġa biex tiżgura konformità sħiħa mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013, b'mod partikolari billi tissodisfa l-isforz fiskali rrakkomandat mill-Kunsill.

¹ Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

- (5) Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, il-Kummissjoni tipprovdi d-data għall-implimentazzjoni ta' din il-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dak il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw data dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern kif ukoll dwar varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009¹.
- (6) Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni biex tiġi abrogata d-deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fuq il-bażi tad-data notifikata. Barra minn hekk, deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi abrogata biss jekk it-tbassir tal-Kummissjoni jindika li d-defiċit ma jkunx ser jaqbeż il-valur referenzjarju skont it-Trattat ta' 3 % tal-PDG tul il-perjodu ta' tbassir².

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1).

² B'konformità mal-Ispesifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Linji Gwida dwar il-format u l-kontenut ta' Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza.

- (7) Abbażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, wara n-notifika mis-Slovenja f'April 2016, u abbażi tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 u t-tbassir tar-rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:
- Wara li laħaq l-ogħla livell tiegħu ta' 15 % tal-PDG fl-2013, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika naqas għal 5 % tal-PDG fl-2014 u laħaq it-2,9 % tal-PDG fl-2015. It-tnaqqis tad-defiċit fl-2015 kien prinċipalment xprunat minn nonrikorrenza ta' miżuri ta' darba li affettwaw id-defiċit fl-2014 (1,1% tal-PDG) u minn żieda sinifikanti fid-dħul kurrenti (ta' 1,4% tal-PDG) li aktar milli pattew għaż-żieda fl-infiq kurrenti (b'0,2 % tal-PDG) u ż-żieda fin-nefqa kapitali fissa grossa (b'0,2 % tal-PDG) spjegata b'rata ogħla ta' assorbiment ta' fondi tal-UE.
 - Il-Programm ta' Stabbiltà għall-perjodu 2016-2019, ippreżentat mill-gvern Sloven fit-28 ta' April 2016, jippjana li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika jinżel għal 2,2 % tal-PDG fl-2016, u għal 1,6 % tal-PDG fl-2017. It-tbassir tar-rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni jbassar defiċit ta' 2,4 % tal-PDG fl-2016, u ta' 2,1 % tal-PDG fl-2017. Għalhekk, id-defiċit mistenni li jibqa' taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat matul il-perjodu ta' tbassir.
 - Il-bilanċ strutturali, li huwa l-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika aġġustat għaċ-ċiklu ekonomiku u nett minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn, mar għall-aġar b'0,7 % tal-PDG tul il-perjodu 2013-2015.

- Il-proporzjon tad-dejn mal-PDG żdied għal 83,2 % tal-PDG fl-2015, minn 71 % tal-PDG fl-2013, minħabba aġġustament bejn il-fondi u l-flussi u infiq ta' darba li żied id-dejn. It-tbassir tar-rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni jipprevedi li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika jilħaq il-quċċata tiegħu fl-2015 u jonqos għal 78 % tal-PDG fl-2017 minħabba tnaqqis fir-riżervi ta' likwidità.

- (8) Mill-2016, li hija s-sena ta' wara dik li fiha saret il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, is-Slovenja hija soġġetta għall-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u għandha timxi lejn l-oġġettiv tat-terminu l-medju tagħha b'pass xieraq, inkluż billi tirrispetta l-livell referenzjarju tal-infiq, u tikkonforma mal-kriterju tad-dejn skont l-Artikolu 2(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. F'dak il-kuntest, jidher li hemm ir-riskju ta' xi devjazzjoni mill-aġġustament meħtieġ ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-oġġettiv ta' terminu medju fl-2016. Fl-2017, taħt politiki mingħajr tibdil, jidher li hemm ir-riskju ta' xi devjazzjoni mill-aġġustament rakkomandat ta' 0,6 % tal-PDG lejn l-oġġettiv ta' terminu medju. Huwa mbassar li s-Slovenja tkun konformi mar-regola tad-dejn tranżizzjonali fl-2016 u ġeneralment konformi fl-2017. Għalhekk, se jinħtieġu iktar miżuri fl-2016 u l-2017.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 126(12) tat-TFUE, Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi abrogata meta, fil-fehma tal-Kunsill, tkun saret korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat.

- (10) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fis-Slovenja ġie kkoreġut, u għaldaqstant id-Deċiżjoni 2010/289/UE għandha tiġi abrogata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minn valutazzjoni globali jsegwi li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fis-Slovenja ġiet ikkoreġuta.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2010/289/UE hija abrogata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tas-Slovenja.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
